**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 02/2024**

## Laqgħa Numru 02

11 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024 fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku is-Sur Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 02 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **02.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **02.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 02.2.1 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 1/2024 għad-disa' leġislatura permezz ta' imjel lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera. Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri approva u l-kunsillier is-Sur Martin Vella issekonda. |
| **02.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 02.03.01 | Fis-27 ta' Lulju ser issir quddiesa għall-ħaddiema u għall-kunsilliera fil-paroċċa fis-6pm. |
| 02.03.02 | Intbgħatet imejl mill-cleansing department datata 16 ta' Mejju 2024 sabiex il-kunsill ta' Bormla jieħu ħsieb jiksi l-ħajt fi Triq Gulliermu. Il-Kunsillier Glauber Spiteri ġibed l-attenzjoni li dik hija triq San Mikiel li hemm fir-ritratt. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandu jitqaxxar u jiġi fuq il-fil u l-biċċa li hemm bil-konkos tiġi kulur il-ġebla Maltija. |
| 02.03.03 | Is-Sindku informa l-kunsilliera b'imejl datata 13 ta' Mejju 2024 mill-Project Green fejn talbu sabiex jagħmlu laqgħa mal-kunsill sabiex il-kunsill ikun jista' jgħid l-opinjoni u suġġerimenti tiegħu. Il-Kunsilliera preżenti taw data tentattiva għat-Tnejn 29 ta' Lulju 2024 fit-3.00pm. |
| 02.03.04 | Is-sinku informa lil kunsilliera preżenti li intbgħatu imejls mis-Sur Stephen Pulis mir-restoration and preservation department u l-Perit Paul Dalli sabiex |

| | |
|---|---|
| | jiġu restawrati d-dwal tal-mina ta' Santa liena wara xogħol li kien sar fl-2004 hemm bżonn ta' manutenzjoni u xi tibdil ta'dawl biex jekk ikun hemm xi fondi allokati mil-Gvern lil Kunsill ta' Bormla jiġu indirizzati dawn il-manutenzjonijiet. Is-Sindku diġa informa lil ministru Onor. Omar Farrugia u lil Ministru l-Onor. Owen Bonnnici. |
| 02.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti b'imejl mibgħuta mis-Sur Dione Caruana għan-nom ta' Catherine Caruana fejn tixitieq li jiġu installati cctv fil-parkeġġ ta' Triq il-Karmnu għaliex peress lis-Sinjura għanda cctv il-puluzija meta jinqala xi ħaġa jmorru għandha biex jitolbuha l-filmat. Is-Sinkdu issuġġerixa li meta jkun hemm fondi allokati jiżdiedu aktar cctv fejn hemm żoni li jissuġġerixu l-puluzija. |
| 02.03.06 | Id-deputat Segretrju Eżekuttiv Graziella Gellel resqgħet din il-kommunikazzjoni lis-sindku, l-viċi sindku u l-kunsilliera preżenti li is-Sa. Ivana Legname avviċinat lid-deputat segretaju eżekuttiv sabiext għan-nom tal-Kunsill ta' Bormla tapplika għall-progett ma l-EU fejn jekk jiggi magħżul il-proġett li tkun issottomettit flimkien mal-Kunsill ta' Bormla, hi tkun il-project manager u l-ħlas tagħħa jiġi iffinanzjat mill-EU. Is-Sindku qal li fil-passat kien mistieden l-Italja fejn kienu qed jiddiskutu sabiex jessebixxu xi żfien antik ma dak ta' pajjież ieħor mil-Itlaja. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 02.03.07 | Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fis-26 ta' Ġunju is-Sur Toby Farrugia tal-MELFAR qed jistaqsi sabiex jara jekk għadniex interesati għal-platform lift ta' quddiem il-bieb tal-kunsill iżda din peress li over 5000 eur trid tinħareġ tender. Id-deputat segretarju eżekuttiv qalet li s-Sur Duncan Hall kien ftit imħabbat u għadu ma bagħtx dan it-tender sabiex jiġi imtella' fuq l-EPPS. Is-Sindku informa lil kunsilliera jekk is-Sur Duncan Hall jekk |

| | |
|---|---|
| | jibqa' imħabbat nistaqsu lis-Sur Romario Brignone. Il-viċi sindku qalet sabiex nerġgħu ngħidu lis-Sur Duncan Hall filkas nitolbu is-servizz lis-Sur Romario. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 02.03.08 | Is-Sindku ressaq kommunikazzjoni li intbgħatt fl-24 ta' Ġunju mis-Sa Rachelle Falzon fejn talbet li jsiru check ups fis-sala tal-kunsill bejn 22 ta' Lulju u April 2025. Il-Kunsilliera għad-disa' leġislatura qablu ma dan u l-uffiċju bagħat sabiex tintażel data biex issiru dawn il-visti fis-sala tal-kunsill. |
| 02.03.09 | Is-Sinkdu ressaq talba li intbgħatet b'imejl fit-2 ta' Lulju mis-Sa. Anna Wieczorek fejn qed titlob permess sabiex issir yoga fil-pjazzetta ta' Triq Santa Margerita c/w Triq il-Ġubilew tal-Fidda. Il-Kunsilliera qablu ma dan iżda l-uffiċju amministrattiv jistaqsi lil din is-sinjura jekk hux bil-ħlas u kemm il-darba ser issir din l-attivita. |
| 02.03.10 | Is-Sinkdu s-Sur Marco Agius ressaq din l-imejl mibgħuta fil-21 ta' Ġunju mis-Sur Etienne Psaila dwar abbuż ta' karozzi li jagħlqu Triq San Ġwann kif iddur fi Triq il-Madonna tal-Grazzja. Il-Kunsill lokali għamel tlett settijiet ta' erbgħa bollards kull darba u kull darba jinqalgħu. Dawn il-bollards irridu jsir tal-ħadid u jkun hemm permess mit-TM. |
| 02.03.11 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera b'imejl li intbgħatet mis-Sur Antoinne Zammit minn Studjurban dwar bollards biex jinqalu temporarjament minn Triq id-dejqa sabiex ikun jista issir ix-xogħol. In-Numru tal-Permess huwa PA/00799/23. |
| 02.03.12 | Is-Sindku ressaq imejl mill-librara sabiex il-librerija tinfetah mit-tnejn 5 t' Awissu. Hemm fond ta' madwar 700 ewro biex jinxtraw kotba ġodda u l- |

| | |
|---|---|
| | kunsill lokali ġab kwotazzjonijiet sabiex inbiddel id-desk u xi uħud mill-ixkaffar. Qed jinżebgħu l-aperturi tal-librerija kif ukoll ser jitwaħlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija fis-Sajf u dawk tax-xitwa.<br><br>Sajf: It-Tnejn mid-9:00am sal- 11:00am<br>L-Erbgħa mil-4.00pm sas-6.00pm<br>Is-Sibt mit-8:00am san-12.00pm<br>Fix-Xitwa : It-Tnejn u L-Erbgħa mil-4:00pm sas-6:00pm<br>Is-Sibt mit-8:00am san-12.00pm |
| 02.03.13 | Is-Sindku ressaq imejl għall-permess lil-AX Construction Ltd jekk jistax issir Mobile toilets tal-ħaddiema fi Triq Santa Maria rittratt anness mal-imejl. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li dan ma jistax issir. |
| 02.03.14 | Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet kwotazzjoni oħra sabiex jinxtara cordless drill għaliex bħal issa qed jintuża l-cordless ta' ħaddiem personali. Il-Kunsilliera qablu li għandha tinxtara din l-għodda u titniżżel fl-inventarju u min juża l-għadda jiffirma għall-għodda li jkun ser juża. |
| 02.03.15 | Id-deputat segretarju eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-kunsilliera kollha inkluż hi sabiex lil -istaff ma nċemplulhomx fuq il mobile personali tagħhom u mhux waqt il-ħin tax-xogħol. |
| 02.03.16 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius propona li jsir xi xogħol tal-gagaza fin-niċċa ta San Gwann T' Għuxa ż-Żgħira u l-kunsill japplika mal-public works sabiex issiru xi xogħolojiet fi Triq ir-Regatta, fiż-żigużajg ħdejn l-għassa dan it-taraġ |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | tal-Ingliżi għandu jiġi fuq il-fil u ċ-ċint jiġi kulur il-ġebla Maltija, u Triq San Piju X, u Pjazza Karmenu Mifsud Bonniċi. Jiġi irranġat fejn Habbard Flats, il-Ġnien ta' Ħdejn l-Iskola. Is-Sindku propona wkoll sabiex fejn l-iskola primarja jiġu miżbugħa disinji ta' logħob bħal-passju u logħob ieħor. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dawn il-proposti. |
| 02.03.17 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius propona sabiex il-kunsill ta' Bormla japplika mal-lands sabiex il-Forti San Klement jiġi devolut lil-kunsill ta' Bormla. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona wkoll sabiex il-kapella ta' San Ġwann T'Għuxa tiġi devoluta wkoll lil Kunsill ta' Bormla u jkomplu l-komunikazzjoni bejn il-kunsill ta' Bormla u Antropolis. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dawn il-proposti. |
| 02.03.18 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius propona li bil mod il-mod jinbidlu il-fanali tat-toroq dojoq bħal Triq Nelson, Triq Sta Marija u toroq oħra u jsiru fanali antiki kif jixraq lil belt ta' Bormla. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta. |
| 02.03.19 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius talab l-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti sabiex issir kollaborazzjoni bejn il-lokalita ta' Bormla u mat-tlett lokalitajiet l-oħra L-Birgu, L-Isla u L-Kalkara sabiex issir skola tas-snajja. U min jattendi għal dawn il-korsijiet jiġi assenjat mal-kunsilli imsemija. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.03.20 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius ressaq ilment minn għan resident sabiex issr Blue Badge fi Triq Santa Tereża. Il-Kunsilliera preżenti qablu li din għandha tiġi imressqa lit-TM mill-individwu u jekk jingħata permess il-kunsill m'għandux issib oġġezzjoni jekk m'hemmx communal disabled parking bay. |
| 02.03.21 | Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl PQ 20491 datat 9 ta' Lulju lid-dipartiment għal-gvern lokali fejn indikat spazji miftuħa ġewwa Bormla lil kunsilliera preżenti. |
| 02.03.22 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera jekk jaqblux li quddiem l-iskola primarja issiru disinja ta' logħob u l-bankina tiġi ikkulurita. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella saqsa jekk il-kunsill għandux permess mill-kap tal-iskola peress li l-kap ser tinbidel. Is-Sinkdu wieġeb li l-kap preżenti ma sabietx oġġezzjoni. Il-Kunsilliera qablu li għandhom issiru dawn il-kuluri. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota sabiex tara x'permessi hemmbżonn li jsiru. |
| 02.03.23 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li għal-ftuħ tal-bidu tas-sena skolastika jinġieb xi karratru sabiex jilqa' t-tfal tal-iskola għas-sena skolastika ġdida. Il-Kunsillier Glauber Spiteri qabel ma din il-proposta u żid jgħid li għal-quddiem l-iskola sekondarja jinġib DJ għal ftit minuti sakem l-istudenti jidħlu fl-iskola. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta. |
| 02.03.24 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżneti li f' an Ġwan T'Għuxa iż-żgħira issir niċċa tal-Madonna bil-gagazza. Il-Kunsilliera preżenti qanlu ma din il-proposta. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.03.25 | Is-Sindku ikkomunika li jixtieq li jiproponi li l-Forti San Klement jiġi f'idejn il-kunsill permezz ta' devoluzjoni, kif ukoll il-kapella ta' San Ġwann T'Għuxa . Il-Kunsilliera qablu ma din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat xi tfisser devoluzjoni u ser iġġib id-dokumenti meħtieġa sabiex il-kunsill japplika għal dawn il-binjiet storiċi |
| 02.03.26 | Is-Sindku ippropona li kull sena jiżdiedu cctv, sabiex ikun hemm aktar infurzar fuq sigurta u ndafa. Il-Viċi Sindku qajmet il-punt sabiex jiltaqgħu mal-Community Policing sabiex jiddiskutu fejn ikun hemm l-aktar bżonn. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din il-proposta. |
| 02.03.27 | Wara il-kommunikazzjoni tas-sindku il-kunsillier is-Sur Martin Vella xtaq iqajjem il-punt f'hiex waslu id-diskusjonijiet ma l-Antropolis. Is-Segrtarju Eżekuttiv ser tfittex dwar din il-korrespondenza. |
| 02.03.28 | Is-Sindku staqsa lil-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri li kien preżenti għall-laqgħa mas-Sur Jason sabiex jibdew il-praparamenti ta' Short Play Festivals biex jgħaddi l-punti li ġew diskussi. Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri informa lil kunsilliera preżenti li ser ikun hemm laqgħa l-Erbgħa 17 ta' Lulju u għandha issir Fb life sabiex jinqraw ir-riżultati rebbieħa għal dawn il-plays. Il-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri qajjem il-punt li bħal reklamar ta' din l-attivita l-kunsill iqabbad lil Malta Today u blogger fuq il-paġna. |
| 02.03.29 | Is-Sindku staqsa lil kunsilliera preżenti dwar xogħolijiet li hemm bżonn issiru fejn Habbard Flats. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella issuġġerixa sabiex jidiskutu mal-perit liema xogħolijiet jistħu issiru f'dik iż-żona. Il-Viċi Sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammett issuġġerit li jiddiskutu ma' Project Green. |

| | |
|---|---|
| | |
| 02.03.30 | Is-Sinkdu staqsa l-kunsilliera hemmx aktar kommunikazzjonijiet x'jiżdied ma dawn il-minuti, fejn il-Kunsillier Martin Vella propona li tintbat ittra ta' ringrazzjament lil kontestanti kollha li ħarġu għall-kunsill u tintbgħat l-informazzjoni tar-responsabiltajiet tad-dekasteri li għandhom il-kunsilliera l-ġodda. Il-Kunsilliera preżneti qablu ma din il-proposta. |
| 02.03.31 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar il-proġetti tal-letrini sabiex jintuża l-fond li hemm tar-Reġjun u jinbidlu l-letrini, dawk li huma fi stat mhux adegwad u jinġieb meter tal-ilma għal-letrina ta' quddiem il-kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 02.03.31 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti sabiex il-kunsill jitlob għall-kwotazzjonijiet sabiex issir ix-xibka tal-grawnd u tinġieb vending machine. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. Il-Kunsillier Martin Vella propona li jkun hemm mobile toilets sakemm issiru it-toilets tal-grawnd Peppi Delceppo iżda id-deputat segretarju eżekuttiv infurmathom li din hija spiża għall-kunsill. |
| **02.4** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 02.04.01 | Għażiża Dep Segretarju Eżekuttiv,<br><br>Għandi din il-mistoqsija għas-seduta t'għada.<br><br>Nista' niġi nfurmata fiex wasal il-proċess tal-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv? |

| | |
|---|---|
| | Id-Direttur għall-gvern lokali ħatar bord mid-dipartiment għall-gvern lokali sabiex jagħmlu l-intervisti għas-segretarju eżekuttiv permanenti.<br>Jinfurmana meta ser ikunu l-intervisti.<br>Grazzi ħafna |
| 02.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Bormla<br>2A The Rest<br>Pjazza Santa Margerita<br>Bormla<br><br>Jiena Martin Vella nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista jingħata default notice lil-kuntrattur tal-Bulky għaliex qed iħalli ħafna affarijiet warajh?<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan il-kuntrattur magħluq għalhekk ser nistennew sakemm jiġi evalwat it-tender il-ġdid.<br><br>Jista il-kunsill jiġbed l-attenzjoni lil Cotracts Manager għaliex mhux qed jagħmel xogholu sewwa, bħal suppost jiġi l-kunsill u iċempel sabiex jara jekk il-bulky inġabarax kollu ?<br><br>Is-Segrtarju Eżekuttiv wieġbet li ser tibgħat għalih sabiex issir laqgħa.<br><br>Jista l-kunsill jiddetifika residenti li jieħdu ħsieb il-qsari sabiex jissaqew u l-kunsill jikkumpenshom b'materjal bħal, nutrijenti, piet eċċ ?<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jieħu ħsieb ta' dan. |
| 02.04.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| | Kunsill Lokali Bormla<br>2A The Rest<br>Pjazza Santa Margerita<br>Bormla<br><br>Jiena Glauber Spiteri nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall- attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jistgħu jitpoġġew qsari fit-Taraġ magħruf iż-żigużajg u jkunu konformi u mhux geġġwigija sħiħa?<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jieħu ħsieb.<br><br>Jista l-Karnival tas-Sajf jgħaddi minn Bormla għal-ewwel darba?<br><br>Is-Sindku ser jistaqsi lil Ministru tal-kultura. |
| **02.5** | **Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' Ħlasijiet** |
| 02.05.01 | Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta'pagamenti numru 1/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Martin Vella u s-sekondati mis-Sa. Rita Gatt minbarra dawn il-pagamenti sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss:<br>2024/687 – ABC Caterers<br>2024/688 – ABC Caterers<br>2024/679 – Mark Faenza<br>2024/665 - Saviour Mifsud<br>2024/596 – A.Pisani Marble Works |
| 02.05.02 | Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-petty cash u l-purchase orders list għax-xahar ta' Mejju u Ġunju 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew |

| | |
|---|---|
| | approvati mil-Viċi Sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammet u l-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt. |
| **02.6** | **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 01/2024 – 14/ 2024)** |
| 02.06.01 | **Mozzjoni Numru 01/2024**<br><br>Il-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri qed jgħaddi mozzjoni sabiex jitneħħew bollards illi hemm fi Triq San Ġwann. Dawn i l-bollards qed ikunu ta' ostaklu għan-nies sabiex jagħmlu użu mill-bankina, dan għaliex fuq in-naħa l-oħra tal-istess bankina hemm xi pjanti kif ukoll siġra tiela mal-faċċata.<br><br>Din il-mozzjoni ġiet proposta mil-Kunsillier is-sur Glauber Spiteri u ġiet issekondata mis-sinkdu is-Sur Marco Agius.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew li għandha tintbat ittra lir-residenta sabiex jitneħħew il-pjanti li huma ta' ostaklu fuq il-bankina. |
| 02.06.02 | **Mozzjoni Numru 02/2024**<br><br>Is-Sindku is-Sur Marco Agius ressaq mozzjoni sabiex Triq Matty Grima issir un/loading bay biss u ma jkunx hemm permess ta' ipparkjar ta' karozzi ħlief għal-persuni b'diżabilita, qed jipproponi wkoll li ssir talba sabiex issir Motor Cycle Bay waħda. Is-Sindku qed jipproponi wkoll li fi Triq San Lazzru jitwaħħlu xi No Parking Signs tul it-triq, peress li t-triq kollha qed tkun mimlija karozzi. |

| | |
|---|---|
| | Din il-mozzjoni ġiet proposta mis-Sinkdu is-Sur Marco Agius u ġiet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Martin Vella<br>Il-Kunsilliera is-Sur Rita Gatt approvat<br>Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri approva<br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella approva<br>Is-Sa. Noya Spiteri Hammett tastjeni għall issa li issir un/loading bay qabel ma jkollha risposta jew studju mit-TM għall-alternattiva. |
| 02.06.03 | **Mozzjoni Numru 03/2024**<br><br>Is-Sur Marco Agius qed jipproponi sabiex fi Triq Wiġi Rosato npoġġu bollards tul il-bankina kollha tal-ħadid u jkunu kollha unifrormi.<br><br>Is-Sindku is-Sur Marco Agius ippropona u il-Kunsillier is-Sur Martin Vella issekonda.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| 02.06.04 | **Mozzjoni Numru 04/2024**<br>Il-Kunsilliera is-Sa. Rita Gatt resqgħet mozzjoni biex jekk ikollhan l-apoġġ tal-kunsill, tixtieq tkompli bl-attivita ta' line dancing ta' darba fil-ġimgħa li kienet iseħħ ġewwa l-AUM, kif għamlet fl-aħħar sentejn u nofs li ilha fil-kunsill. Kellha feedback mil-anzjani ta' Bormla li xtaqu li din l-attivita tkompli issir.<br>l-Kunsilliera is-Sa. Rita Gatt proponiet u is-sekkonda is-sinkdu is-Sur Marco Agius.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attivita li tibqa' issir. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.06.05 | **Mozzjoni Numru 05/2024**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin vella qed iressaq dinil-mozzjoni biex Triq John Pace tiġi one way jinżlu biss, dan minħabba li t-Triq ma tippemettiex li jgħaddu żewġ karozzi u finalment l-karozzi m'għandhomx fejn iduru**.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella ipprpona u issekondat il-viċi sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammett.<br><br>Ġie diskuss unanimament li din il-mozzjoni għandha tgħaddi għand TM biex Triq John Pace tiġi one way. |
| 02.06.06 | **Mozzjoni Numru 06/2024**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella ressaq mozzjoni biex jgħaddu bye law li ma jkunux jistgħu jitimgħu Ħamiem u jsiru diversi tabelli.<br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona u il-viċi sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammett issedkondat<br>Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta. |
| 02.06.07 | **Mozzjoni Numru 07/2024**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella ressaq mozzjoni biex fi Triq Santa Tereża eżatt quddiem Seaman's Bar issir railing fuq il-bankina li hemm u hemm parkeġġ issir un/loading bay bil-ħinijiet u l-ġranet. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona u il-viċi sindku s-Sa. Noyah Spiteri Hammett issedkondat.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta sabiex il-kunsill jgħaddi din il-mozzjoni lil TM. |
| 02.06.08 | **Mozzjoni Numru 08/2024**<br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella ressaq mozzjoni biex il-Parking Bay ta' Verdala Berracks jiġi modifikat ( hemm car park u motorcycle bay ) kemm jinbiddlu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona u is-Sindku is-Sur Marco Agius issekonda.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tintbgħat din il-proposta lil TM. |
| 02.06.09 | **Mozzjoni Numru 09/2024**<br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella ressaq mozzjoni biex fejn hemm il-bus shelter Triq it-8 ta' Diċembru ma jibqax issir parking tal-coahces.<br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona u il-viċi sindku s-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondat.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tintbgħat din il-proposta lil TM. |

| | |
|---|---|
| 02.06.10 | **Mozzjoni Numru 10/2024**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella qed iressaq din il-mozzjoni biex tintalab talba lil TM sabiex issir Sleeping police ħdejn kwartieri San Nikola.<br>Proponent: Martin Vella<br>Sekondant: Marco Agius<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tintbgħat din il-proposta lil TM |
| 02.06.11 | **Mozzjoni Numru 11/2024**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella qed iressaq din il-mozzjoni biex tintalab talba lil TM għalll-Zebra Crossing quddiem il-każin tal-banda fi Triq Santa Tereża.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona u l-kunsilliera s-Sa. Rita Gatt issekondat<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tintbgħat din il-proposta lil TM għaliex skond il-viċi sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammett jista' jgħati l-każ li jridu jimxu zebra crossings l-oħra. |
| 02.06.12 | **Mozzjoni Numru 12/2024**<br>Il-Kunsilliera is-Sa. Rita Gatt tixtieq tressaq mozzjoni sabiex issir Bus Shelter u l-Bus Stop issir il-fuq u jagħmluhh il-fuq mil-posta u issir Bus Shelter minħabba x-xitwa biex ma jixxarbux bix-xita email mibgħuta fil-21 ta' Ġunju 2024 minn għand il-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt<br>Il-Kunsilliera is-Sa Rita Gatt resqgħet din il-proposta u s-sindku is-Sur Marco Agius issedkonda<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li din il-mozzjoni għandha tintbgħat lil TM. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.06.13 | Is-Sa. Rita Gatt resqġġt mozzjoni sabiex issir un/loading quddiem 13 Triq Wiġi Rosato mit-8am sal-10.00am quddiem il-Classic Press.<br><br>Il-Kunsilliera is-Sa Rita Gatt resqgħet din il-proposta u s-sindku is-Sur Marco Agius issekonda.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandhom jintbgħatu lil TM |
| 02.06.14 | Mozzjoni Numru 14/2024<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri jixtieq irressaq mozzjoni sabiex issir attivita għat-tfal bħal water games u xi karratri tat-tfal fit-3 t' Awwissu.<br>Il-Kunsillier is-Sur Glauber ressaq din il-proposta u s-sindku is-Sur Marco Agius issekonda.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament għal din l-attivita. |
| **02.07** | **Sejħiet għall-offerti** |
| | Is-Sindku u d-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera preżenti li hemm tlett tenders li infetħu u qed jiġu evalwati wieħed, wieħed. Hemm dak tal-Bulky, tal-Bandli tal-Verdala u dak ta' Triq il-Ġubilew tal-Fidda. F'dak ta' Triq il-Ġubilew tal-fidda hemm xi kjarifiċi:<br>1. dwar il-qis tal-Merry Go Round minħabba safety<br>2. dwar ir-rubber jekk hux konfermi mat-tender<br>Is-Segretarju tal-bord bagħtet lil perit sabiex jikkonferma dawn iż-żewġ kjarifiċi u kif il-bord ikollu risposta jingħalaq dan it-tender. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **02.08** | **Rapporti** |
| 02.08.1 | Ma kienx hemm |
| 02.09 | **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |
| 02.09.01 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Awissu 2024 fl-4:30p.m |

Konfermati, illum il-Ħamis 8 t' Awissu 2024

IFFIRMATI

_______________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATI

_______________________

**Graziella Gellel**

Deputat Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*